(i)
(ii) MALTA
(iii)
(iv) **QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(v)
(vi)
(vii) **MAGISTRAT DR.**
(viii) **MICHAEL MALLIA**
(ix)
(x)
(xi)
(xii) Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004
(xiii)
(xiv)
(xv) Avviz Numru. 445/2004
(xvi)
(xvii)
(xviii)
(xix) **Gaetana Ghiller K I 227726M**
(xx) **Josephine Grech K I 96933M**
(xxi) **Mary Mizzi K I 43348M fil-kwalita' taghha ta' uzufruttwarja tal-mejjet John Mizzi**
(xxii) **Joseph Mizzi K I 360274M**
(xxiii) **Sharon Mizzi K I 578477M u**
(xxiv) **Lesley Ann Mizzi K I 338785M, l-ahhar tlieta fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet John Mizzi**

**vs**

(i) **Michael Ebejer K I 685246M u**
(ii) **Carmelo sive Charles Calleja K I 673045M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-ghalqa maghrufa bhala *tal-Fata,*

limiti tal-Kapuccini, Kalkara, kif delineata fil-pjanta annessa bhala ‘Dok. A’ prevja, occorrando, dikjarazzjoni li l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-imsemmija ghalqa minghajr ebda titolu validu ai termini tal-Ligi.

Ghal fini ta’ kompetenza l-valur lokatizju hu ta’ disa’ liri Maltin
(Lm 9.00) fis-sena.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Awissu, 2002 kontra konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut Michael Ebejer iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Michael Ebejer naqas u ma deherx, la fit-12 ta’ Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenut Michael Ebejer jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala *Tal-Fata*, fil-limiti tal-Kapuccini l-Kalkara, bl-ispejjez kontra l-konvenut Michael Ebejer.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------